# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju 2024**

**Numru 13**

**Rikors numru 391/2018/1/LM**

**Paul Sammut**

**v.**

**Bonnici Brothers Limited [C3905]**

**PRELIMINARI:**

1. Is-soċjetà konvenuta taħdem fil-qasam tal-kostruzzjoni tat-toroq u l-attur huwa impjegat tagħha. Fit-30 ta' Novembru 2012 l-attur safa midrub waqt inċident li seħħ waqt li kien fuq xogħlu jopera *tandem roller* (magħruf bħala romblu) fuq proġett li kien qiegħed isir fil-*by-pass* tal-Mellieħa.

2. L-attur jallega li sofra diżabilità permanenti u għalhekk fis-26 ta' April 2018 intavola din l-azzjoni kontra s-soċjetà konvenuta fejn talab li tiġi dikjarata responsabbli għall-inċident in kwistjoni u kkundannata tħallsu somma likwidata, okkorrendo bin-nomina ta' periti għal dan l-iskop, in linea ta' danni.

3. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2020 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-attur u kkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallsu €34,821.20 in linea ta' danni; bl-ispejjeż, kif mitluba, kontriha.

4. Is-soċjetà konvenuta ħassitha aggravata b'tali deċiżjoni u għalhekk fit-2 ta' Lulju 2020 interponiet appell quddiem din il-Qorti tal-Appell fejn talbitha tħassar is-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

5. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell dini l-Qorti sejra tirriproduċi partijiet rilevanti mis-sentenza appellata:

> **"Il-Qorti,**
>
> Rat ir-rikors maħluf ippreżentat mill-attur **Paul Sammut** (K.I. numru 441476M), [minn issa 'l quddiem "l-attur"] fis-26 ta' April, 2018, kontra s-soċjetà konvenuta Bonnici Brothers Limited (C3905) [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"], li jgħid kif ġej:
>
> 1. *Illi rikorrenti jaħdem mas-soċjetà konvenuta u ilu jaħdem magħha sa*

*minn circa s-sena 2001;*

2. *Illi fit-30 ta' Novembru 2012, ir-rikorrent kien qed jaħdem b'inġenju tal kumpannija fuq il-lant tax-xogħol fin-niżla ta' Pennellu fil-bypass stal Mellieħa, magħruf bħala romblu tat-tarmac;*

3. *Illi r-rikorrenti kien ilu għal kważi tlettax-il sena jaħdem fuq dan it-tip ta' inġenju u għaldaqstant kellu esperjenza kbira fit-tħaddim tiegħu;*

4. *Illi waqt li kien qed jittrasporta r-romblu għall-parti oħra tal-istess lant, wara li xegħel iċ-ċavetta r-romblu, jiġi ggwidat minn lever bl-idejn, mexxa il-lever 'il quddiem u r-romblu beda miexi 'il quddiem, għan-niżla;*

5. *Illi f'ċertu ħin ir-romblu beda jżid l-ispeed u r-rikorrent għolla l-handbrake 'il fuq, il-lever resqu għal pożizzjoni newtrali, biss minkejja li l-handbrake żamm, ir-romblu beda jitkaxkar 'l isfel;*

6. *Illi r-rikorrent, meta ra li mhux se jirnexxielu jieqaf ipprova jdawwar ir-romblu l-ewwel lejn il-lemin u wara lejn tax-xellug lejn il-bankina li kien hemm fuq il ġenb biex jiprova jwaqfu, iżda il-parti ta' quddiem tar-romblu xorta baqa' nieżel la ġenba;*

7. *Illi f'dak il-mument ir-rikorrent iddeċieda li kien l-aħjar li jaqbeż mill-inġenju u kien f'dak il-mument li hu sofra ġrieħi ta' natura gravi u debilità permanenti senjatament f'saqajh it-tnejn u għadu sal-lum muġugħ u qed jirċievi trattament mediku, kif ser jiġi ppruvat waqt il-ġbir tal-provi;*

8. *Illi r-rikorrent ġie nfurmat li jeħtieġ tal-anqas żewġ operazzjonijiet oħra probabbli tlieta, l-ewwel waħda li tissejjaħ Debridment of Right Ankle, ser issir fit-28 ta' Mejju 2018;*

9. *Illi minkejjja l-fatt li s-soċjetà intimata ġiet interpellata tersaq għal likwidazzjoni tad-danni sofferti, baqgħet inadempjenti;*

B'hekk l-attur ħarrek lis-soċjetà konvenuta sabiex tgħid għaliex din il-Qorti m'għandiex:

1. *Tiddikjara s-soċjetà intimata responsabbli għall-inċident li seħħ fit-30 ta' Novembru 2012, fin-niżla ta' Pennellu fil-bypass tal-Mellieħa, li fih korra gravi r-rikorrenti, meta kien qed juża l-inġenju pprovdut mill-istess soċjetà intimata b'riżultat ta' liema sofra danni u debilità permanenti;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'riżultat tal-inċident li seħħ fit-30 ta' Novembru 2012 u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominati għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ; u*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent d-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.*

   *Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali numru 3710/13, 3360/15 u 2219/17 ppreżentati preċedentement kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fis-16 ta' Mejju, 2018, fejn eċċepiet:

1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrent inkwantu diretta kontra s-soċjetà esponenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda u dan stante illi l istess esponenti mhiex responsabbli għall-inċident de quo, liema inċident seħħ unikament bi ħtija tar-rikorrent stess – li kien qiegħed jopera l-inġenju (magħruf bħala roller) – meta naqas milli jsegwi proċeduri ta' prudenza fl eżekuzzjoni ta' xogħlu fuq il-lant, kif del resto huwa obbligat jagħmel, hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Illi, di più, għandu jiġi sottolineat illi s-soċjetà esponenti dejjem aġġixxiet b'diliġenza fejn, fost affarijiet oħra, dejjem adderiet ruħha mal-obbligi legali tagħha, fosthom dawk kontenuti fil-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta fejn saħħet sabiex tipprovdi lill-impjegati tagħha, fosthom lir-rikorrent a safe place of work kif ukoll a safe system of work. Għaldaqstant, in vista ta' dak appena premess, jispetta lir-rikorrent jipprova li s-soċjetà esponenti wettqet xi nuqqas illi jagħmilha b'xi mod responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u l-grad ta' tali responsabbilità.

3. Illi t-tieni talba tar-rikorrent għandha għalhekk tiġi riġettata stante li ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-entità tad-danni pretiżi mir-rikorrent huwa kontestat u għaldaqstant l-istess għandu jagħmel il-prova tad-danni skond il-liġi; dan anke fid-dawl tar-rapport mediku redatt mill-konsultent ortopediku Mr. Frederick Zammit Maempel li stabbilixxa debilità permanenti fil-grad ta' disa' fil-mija (9%) [liema rapport qiegħed jiġi hawn esebit u markat bħala **Dok. BB1**].

4. Illi t-tielet talba tar-rikorrent għandha ukoll tkun miċħuda u dan għaliex is soċjetà esponenti m'għandhiex tiġi kostretta tħallas ebda danni lill-istess rikorrent.

5. Salv eċċeżżjonijiet oħra premessi mill-liġi, bl-ispejjes kontra r-rikorrent.

***...omissis...***

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża.

Jirriżulta mill-provi li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attur, impjegat bhala foreman mas-soċjetà konvenuta kien qiegħed isuq romblu fin-niżla magħrufa bħala Ta' Pennellu jew il-bypass tal-Mellieħa. Dan kien għall-ħabta tas sagħtejn neqsin kwart ta' waranofsinhar fit-30 ta' Novembru, 2012. L-attur li kellu madwar tlettax-il sena ta' esperjenza fl-użu tar-romblu, kien twassal mill kollega tiegħu Christopher Farrugia sa ħdejn ir-romblu. Huwa tela' bilqiegħda fuqu, xegħlu, neħħa l-handbrake u saqu 'l quddiem. Iżda kif dan qabad il-parti d-dritta tat-triq wara ż-żigużajg, ir-romblu beda jitkaxkar għal isfel. L-attur ġibed il-handbrake, iżda xorta waħda r-romblu baqa' nieżel waħdu jitkaxkar. Wara li ttenta jwaqqfu billi jdawwru lejn il-bankini f'kull naħa tat-triq, l-attur iddeċieda li jaqbeż minn fuqu bil-konsegwenza li weġġa' saqajh it-tnejn. Ma jirriżultax li dawn il-fatti huma kontestati mill-partijiet.

Kuntrarjament għal dak li qed isostni l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ma jirriżultax li dan l-inċident seħħ minħabba xi difett jew xi ħsara li kellu r-romblu. L-attur stess kemm fl-affidavit, kif ukoll fix-xhieda tiegħu, ma jagħti xejn x'jifhem lil din il-Qorti li dan kien il-każ. Anzi, jgħid li huwa kien ilu jsuq dan ir-romblu partikolari għal tnax-il sena u qatt ma kellu problemi bih, u stqarr li s-soċjetà konvenuta kienet tagħmel manutenzjoni regolari fuqu. Barra minn hekk ma jirriżultax li dan kien il-każ, minn eżami tar-rapporti li saru dak iż-żmien tal-inċident esebiti minn Joseph Farrugia, soċju fil-kumpanija Design Solutions Limited inkarigata mis-soċjetà konvenuta sabiex tagħmel *occupational health & safety risk assessment* għall-proġett tal-bini tal-*bypass* magħrufa bħala Ta' Pennellu fil-Mellieħa. Skont dawn ir-rapporti, construction vehicles, *plant and machinery* f'dak iż-żmien instabu li kienu f'kundizzjoni tajba.

Mix-xhieda ta' John Schembri, jirriżulta li għall-ħabta tas-sena 2009 huwa kien ġie inkarigat mis-soċjetà konvenuta sabiex jagħmel diversi korsijiet għall ħaddiema tagħha għal dak li jirrigwarda l-obbligi ta' min iħaddem u ta' min hu impjegat fid-dawl ta' dak li kienet tipprovdi l-liġi. Iżda ma jirriżultax lil din il Qorti li sar xi taħriġ ulterjuri jew saħansitra fuq il-mod li għandu jintuża r romblu fuq il-lant tax-xogħol. Lanqas jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet ipprovdiet lill-ħaddiema li kienu jaħdmu fuq ir-romblu bi spjegazzjoni jew għadditilhom kopja tal-*handbook* tiegħu li ġie esebit f'dawn il-proċeduri minn Gilbert Bonnici, direttur tas-soċjetà konvenuta. Il-Qorti ma tistax hawnhekk ma tosservax dak li jgħid dan il-handbook:

*"**A** – OPERATING INSTRUCTIONS*
***SAFETY PRECAUTIONS***
*Check the working area for possible sources of danger such as slopes, uneven terrain, tree stumps, ditches, trenches, hidden holes etc.*
*In conditions such as these, exercise extreme caution.*
*The tandem roller should only be used by suitably qualified*

*personnel."*

Din il-Qorti tikkunsidra li din is-silta mill-*handbook* turi li s-soċjetà konvenuta naqset f'żewġ aspetti mill-obbligi tagħha li tipprovdi lant tax-xogħol sigur u nieqes mill-perikli. Tibda billi tikkunsidra li r-romblu kellu jintuża min persuna kkwalifikata kif xieraq fit-tħaddim tiegħu, iżda kif diġà ġie osservat, ma tirriżulta l-ebda prova li s-soċjetà konvenuta kienet ipprovdiet lill-attur taħriġ fl-użu tiegħu, minkejja li huwa kien ilu madwar tnax-il sena jagħmel użu minnu fuq il-lant tax-xogħol. Mhux hekk biss, iżda PS 935 Patrick Cassar xehed ukoll li:

> *"Il-vettura ma kellhiex insurance, ma kellhiex number plates, ma kellha xejn u għalhekk kont hriġt charges kemm lil Paul Sammut li kien qed isuq il-vettura mingħajr liċenzja kif ukoll kienu ħarġu xi akkużi lil Bonnici Brothers ukoll".*

Ix-xhieda ta' Eric Calleja, li fiż-żmien tal-inċident kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta, tiżvela nuqqas ieħor ta' din tal-aħħar, li din il-Qorti tikkunsidra li kkontribwixxa għall-akkadut. Hawnhekk il-Qorti tagħraf li r-romblu nstaq f'niżla mingħajr ma ttieħdu l-prekawzjonijiet adatti u adegwati minkejja t twissija li tinstab fil-manual tiegħu. Eric Calleja stqarr li sussegwenti għall inċident, kienu tkaxkru żewġ rombli oħra, iżda fortunatament ma kienx hemm konsegwenzi. Ikompli jgħid li minħabba f'hekk, meta kien jintuża r-romblu, dan beda jintrabat ma' gaffa warajh permezz ta' katina u din kienet timxi miegħu sabiex:

> *"jekk ir-romblu jagħmel xi moviment ikun hemm il-gaffa qed iżżommu. Dak li bdejna nagħmlu mbagħad. Biex ninżlu in-niżla, biex inkunu safe bdejna norbtuh bil-katina."*

Barra minn hekk ma rrizultax lil din il-Qorti li l-ħaddiema kienu jagħmlu użu minn xi tagħmir protettiv u dan għal darb'oħra juri nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta li tgħallem u tħarreġ lill-ħaddiema tagħha kif mistenni sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

Minn dan kollu jirriżulta lil din il-Qorti li s-soċjetà konvenuta naqset milli tosserva l-obbligi kollha imposti fuq min iħaddem sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol skont l-obbligi tiegħu kif imfissra fl-artikolu 6 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tirriżulta l-ebda traskuraġni da parti tal-attur fil-mod kif seħħ l-inċident inkwistjoni. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Frederick Sammut et vs. Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et**, il Qorti proprju indirizzat dan l-obbligu partikolari ta' min iħaddem, u qalet:

> *"Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżercizzju billi jottempera ruħu mad dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala bonus paterfamilias, u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspettli għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organiżżazzjoni, kontroll, monitoraġġ, u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-*

> *għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu (li mhux il-każ odjern), xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat."*

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Fenech et vs. Chairman tal-Malta Drydocks et**, dwar l-obbligi da parti ta' min iħaddem, inkiteb:

> *"Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi 'a safe place of work' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattwali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'dover' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża Sultana vs Spiteri deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' neminem laedere, involut fir-responsabilita' taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarrig u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju l awża* ***Galea vs Meilaq noe****, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukollli huwa dmir ta' min iħaddem "to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work" –* ***Borg vs Wells noe****, deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."*

**<u>Danni</u>**

***…omissis…***

**<u>Decide</u>**

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;

2. Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara li r-responsabbilità tal-inċident mertu ta' din il-kawża għandha tinġarr mis-soċjetà konvenuta;

3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija u wieħed u għoxrin Euro u għoxrin ċenteżmu (€34,821.20); u

4. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali numri 3710/13, 3360/15 u 2219/17 rispettivament, u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv.

**Rikors tal-appell tas-soċjetà konvenuta (02.07.2020):**

6. L-aggravji tas-soċjetà konvenuta, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) L-allegat nuqqas ta' taħriġ lill-attur:

Issostni li hija impreċiża l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li ma kienx sar taħriġ fuq il-mod ta' kif għandu jintuża r-romblu u taċċenna wkoll għall-fatt li l-attur stess ippremetta li għandu esperjenza kbira fit-tħaddim tar-romblu.

Tilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx ix-xiehda ta' Emmanuel Bonnici fejn fix-xiehda tiegħu elabora dwar l-importanza li s-soċjetà konvenuta dejjem tat fl-aspett ta' saħħa u sigurtà tal-ħaddiema tagħha fuq il-post tax-xogħol, u kif dan anke ġie korroborat mill-attur stess.

Tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti setgħet ġiet dirottata bid-depożizzjoni ta' PS935 Patrick Cassar. Tgħid li minn qari tas-sentenza jidher li l-Ewwel Qorti abbinat dak li qal ix-xhud dwar il-fatt li l-vettura ma kellhiex *insurance* u *licence plates* mal-allegat nuqqas ta' taħriġ lir-rikorrent. Issostni li dan huwa skorrett u irrilevanti.

(ii) Id-depożizzjoni ta' Eric Calleja:

Is-soċjetà konvenuti ħassitha wkoll aggravata bil-fatt li t-tieni nuqqas attribwit lilha mill-Ewwel Qorti jirrigwarda d-depożizzjoni tax-xhud Eric Calleja, fejn xehed li wara l-inċident in kwistjoni tkaxkru żewġ rombli oħra u li għalhekk meta kien jintuża r-romblu "*beda jintabat ma' gaffa warajh permezz ta' katina".* Issostni li dan huwa kontradett mill-provi kollha l-oħra li tressqu kemm minnha u kif ukoll mill-attur innifsu.

Tenfasizza wkoll li l-attur stess stqarr li s-soċjetà konventa ma għamlet xejn ħażin u li ġara ma kienx tort tagħha, iżda kien aċċident. Targumenta li dan jammonta għal ammissjoni.

(iii) L-allegat nuqqas ta' tagħmir protettiv:

Kwantu għall-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti fejn qalet li ma rriżultalhiex li l-ħaddiema kienu jagħmlu użu minn xi tagħmir protettiv, issostni li l-provi proċesswali jagħtu stampa għal kollox kuntrarja.

**Risposta tal-appell tal-attur appellat (12.08.2020):**

7. L-attur wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata (anke jekk ippreċiża li ma

jaqbilx ma' dik il-parti tas-sentenza fejn ingħad li "*ma jirriżultax li dan l-inċident seħħ minħabba xi difett jew xi ħsara li kellu r-romblu*").

**KUNSIDERAZZJONIJIET:**

**L-inċident in kwistjoni:**

8. Fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tagħmel xogħlijiet fuq il-proġett tal-*by-pass* tal-Mellieħa. Fost l-impjegati li kellha jaħdmu fuq il-lant tax-xogħol kien hemm l-attur Paul Sammut. Fl-affidavit tiegħu spjega li dakinhar tal-inċident (it-30 ta' Novembru 2012) kien qiegħed jaħdem bir-romblu tat-*tarmac*. Qal li kien ilu jaħdem bir-romblu madwar tlettax-il sena u li qatt qabel ma kellu inċident. Qal li dakinhar tal-inċident kien użah fil-għodu u reġa' mar biex jużah kmieni wara nofsinhar, iżda f'daqqa u l-ħin, kif kien fin-niżla, ir-romblu ħarablu u ma setax iwaqqfu, u għalhekk ħa d-deċiżjoni li jaqbeż minn fuqu, fejn weġġa' serjament f'saqajh. Huwa ddeskriva dak li ġara hekk:

> *"Ir-romblu biex tħaddmu trid l-ewwel tixgħel iċ-ċavetta, tniżżel il-handbrake tiegħu, ittiħ il-gass b'idejk billi tniżżel il-lever, inċidentalment dawn ir-rombli jkollhom speed wieħed biss, u imbagħad jitmexxa minn lever ieħor bl-idejn.*
> *…*
>
> *Segwejt il-proċedura normali li għadni kemm spjegajt, xgħeltu, tajtu l-gass, u mexxejt il-lever 'il quddiem u r-romblu beda' miexi 'l quddiem, għan-niżla.*
>
> *F' ħin bla waqt, ir-romblu beda jżid l-ispeed u jiena minnufih għollejt il-handbrake 'il fuq, il-lever ressaqtu għal pożizzjoni newtrali, biss il-hand brake minkejja li żamm, ir-romblu beda jitkaxkar 'l isfel.*

*Meta rajt li mhux ser jirnexxili inwaqqfu, pprovajt indawwar ir-romblu fuq in-naħa tal-lemin imma ma ġara xejn fis-sens li baqa' jitkaxkar, u wara dawwartu għal fuq in-naħa tax-xellug lejn il-bankina li kien hemm fuq il-ġenb biex nerġa nipprova nwaqqfu mal-bankina, iżda l-parti ta' quddiem tar-romblu xorta baqa' nieżel laġenba.*

*F' dak il-mument jiena inkwetajt minħabba l-ispeed li kien qiegħed iżid ir-romblu u ddeċidejt li kien aħjar jekk naqbeż mill-inġenju, u hekk għamilt. Kien f' dak il-mument li jiena weġġajt saqajja…"*

9. Kontroeżaminat spjega f'iktar dettall kif seħħ l-inċident. Qal li wara li użah filgħodu ir-romblu kien ipparkjat fiż-żigużajg tal-*by-pass*, u meta ġie biex jużah it-tieni darba dakinhar, startjah, u wara ftit <u>ħarab bih fin-niżla, beda' jżid l-i*speed*, u spiċċa kellu jaqbeż minn fuqu</u>.

*"Startjajt normali. Qbadt nieżel in-niżla u dan ir-romblu ħarab. Skiddja. Beda jżid l-ispeed…Mhux mill-ewwel, mill-ewwel. Inżilt biċċa sewwa bih…Inżilt il-kantuniera. Dort il-kantuniera u x' ħin qbadt id-dritta 'l isfel telaq dan ir-romblu…Dan kont nieżel bih. Qabad iżid l-ispeed. Pruvajt inżommu għal ġol bankina. Ma żammx. Ġbidtlu l-handbrake. X' ħin rajtu baqa' jżid, qbiżt minn fuqu. …Żied l-ispeed waħdu. Beda jiskiddja…..Il-brake ġbidtu u r-romblu beda jitkaxkar, jiskiddja….Beda jżid l-ispeed waħdu. Beda jiskiddja. Iżid l-ispeed għan-niżla u qbiżt minn fuqu. Dik l-alternattiva li kelli fih….Kif qabad jirranka qbiżt minn fuqu għax jien għidt ħa naqbeż, jibqa' għaddej niġi….Ir-romblu ma nafx x' ġara minnu xejn jiġifieri. Kull ma qaluli li r-romblu waqaf isfel…qaluli waqaf isfel quddiem it-triq ta' Popeye u waqaf waħdu ma' xi ġenb…"*

## <u>Il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar ir-responsabbiltà:</u>

10. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li ma tirriżulta l-ebda traskuraġni da parti tal-attur fil-mod kif seħħ l-inċident in kwistjoni.

11. *Invece* rriżultalha li għall-inċident kienet taħti s-soċjetà konvenuta li naqset milli tosserva l-obbligi imposti fuq min iħaddem bħalha, kif imfissra

fl-Artikolu 6 tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol; dan wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(i) barra l-korsijiet li kienu saru għall-ħabta tas-sena 2009 għal dak li jirrigwarda l-obbligi ta' min iħaddem u ta' min hu impjegat fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-liġi, ma rriżultax li sar xi taħriġ ulterjuri jew fuq il-mod li għandu jintuża r-romblu, u li lanqas ma jirriżulta li s-soċjetà konvenuta pprovdiet lil dawk li jaħdmu fuq ir-romblu xi kopja tal-*handbook* (li kopja tiegħu ġiet esebita mid-direttur tas-soċjetà konvenuta stess);

(ii) skont l-imsemmi *handbook* jirriżulta li s-soċjetà konvenuta naqset f' żewġ aspetti mill-obbligu tagħha li tipprovdi lant tax-xogħol sikur: u cioè

(a) li r-romblu kellu jitħaddem minn persuna kwalifikata (fejn ikkummentat li s-soċjetà konvenuta pprovdiet lill-attur xi taħriġ fir-rigward); u

(b) li f' kundizzjonijiet potenzjalment perikolużi, bħal fejn ikun hemm niżla, kellhom jittieħdu prekawzjonijiet adatti (fejn aċċennat għad-depożizzjoni ta' Eric Calleja meta qal li

wara l-inċident in kwistjoni, u żewġ episodji fejn tkaxkru rombli oħra, dawn bdew jintrabtu b'katina ma' gaffa kull meta jkun hemm bżonn jinżlu f'niżla);

(iii) ma rriżultax li l-ħaddiema kienu jagħmlu użu minn <u>tagħmir protettiv.</u>

12. L-aggravji tas-soċjeta` konvenuta fil-fatt jirrigwardaw dawn l-imsemmija kunsiderazzjonijiet, u *in oltre* targumenta li l-attur stess "ammetta" li hija ma kellha l-ebda tort għall-inċident.

**<u>L-aggravji tas-soċjetà konvenuta:</u>**

13. Din il-Qorti ser tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà konvenuta appellanti mhux fl-ordni li tressqu minnha iżda fl-ordni li jidhrilha l-iktar opportun.

- *<u>L-allegata "ammissjoni" da parti tal-attur li s-soċjetà konvenuta ma kellha l-ebda tort:</u>*

14. Dwar il-fatt li fix-xiehda tiegħu in kontroeżami l-attur qal li "*Mhux qed intihom tort hu. Mhux accident….M'għamel xejn ħażin*" din il-Qorti ma tarax li għandu jitqies li huwa kien qiegħed jeħles lis-soċjeta` konvenuta mir-responsabbilta`, kif tippretendi l-istess soċjetà konvenuta appellanti. B'daqshekk ma jfissirx li kien qiegħed jagħmel xi "ammissjoni" li s-soċjetà konvenuta ma kinitx taħti għall-akkadut. Kif jargumenta huwa

stess fir-risposta tal-appell tiegħu, ċertu espressjonijiet fil-lingwaġġ normali ta' bniedem tat-triq ma jġorrux l-istess sinifikat u tifsiriet legali f'Qorti. Wara kollox li kieku ħass li ma kellhiex terfa responsabbiltà għal dak li ġarrab ma kienx jibda' l-proċeduri legali, u lanqas ma kien iwieġeb għal dan l-appell.

- *Id-depożizzjoni ta' Eric Calleja dwar il-prekawzjonijiet li bdew jittieħdu fuq ir-rombli:*

15. L-Ewwel Qorti tat piż lid-depożizzjoni ta' Eric Calleja (li fiż-żmien tal-inċident kien impjegat mas-soċjetà konvenuta[1]) fejn xehed li wara li kienu seħħew żewġ episodji fejn tkaxkru rombli oħra fl-istess proġett fil-*by-pass* tal-Mellieħa, bdiet tintrabat gaffa permezz ta' katina mar-romblu meta dan jkun ser jinżel niżla, biex "*inkunu safe*". Fil-fatt l-Ewwel Qorti qieset il-fatt li ma kinitx ittieħdet prekawzjoni simili fil-każ in kwistjoni bħala wieħed min-nuqqasijiet da parti tas-soċjetà konvenuta, dan anke tenut kont tal-fatt li fil-*handbook* tar-romblu ġie enfasizzat li f'ċertu kundizzjonijiet bħal f'niżla kellu jiġi eżerċitat "*extreme caution*".

16. Din il-Qorti qiegħda tagħmel referenza għas-segwenti siltiet mid-depożizzjoni ta' Eric Calleja fir-rigward:

[1] Fix-xiehda tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2019 qal li kien ilu xi erba'/ħames snin li telaq mill-impieg li kellu mas-soċjetà konvenuta; dan ifisser li kien baqa' jaħdem magħha sa madwar sentejn/tliet snin wara l-inċident in kwistjoni.

> *"Jiena li nista ngħid li wara l-każ ta' Pawlu skiddjaw ġiex rombli oħra mingħajr konsegwenzi…fl-istess niżla, il-Mellieħa…. ħarbu iva, ġiex rombli fl-istess post u mingħajr konsegwenzi. Imbagħad wara, wara dan il-każ jiġifieri soqtu jiena stess, dana norbtuh b'katina ma' gaffa tar-roti warajna…Jiġifieri r-romblu quddiem, katina minn mar-romblu għal mal-bucket tal-gaffa tar-roti u ninżlu biex jekk ir-romblu jagħmel xi moviment ikun hemm il-gaffa qed iżżommu. Dak li bdejna nagħmlu imbagħad. Biex ninżlu n-niżla, biex inkunu safe bdejna norbtuh bil-katina….bdejna norbtuhom b'katina….biex jekk jiġi jaħrab ikun hemm il-katina żżomm il-gaffa għax mhux se jiġbed gaffa warajh ir-romblu."*

17. Is-soċjetà konvenuta appellanti tilmenta li din id-depożizzjoni ġiet kontradetta mill-provi kollha l-oħra li tressqu, kemm minnha, kif ukoll mill-attur. Iżda dan mhux il-każ. Bil-fatt li xiehda oħra ma semmewx li wara l-inċident in kwistjoni kien hemm żewġ episodji oħra ta' rombli li ħarbu, u li sussegwentement bdew jintrabtu ma' katina meta jkunu ser jinstaqu f' niżla, ma jfissirx li dak li xehed Eric Calleja ġie kontradett. Din il-Qorti, wara li qieset id-dettall li bih Eric Calleja ddeskriva din il-prekawzjoni li bdiet tittieħed wara li b'kollox kienu seħħew tliet episodji ta' rombli li ħarbu f'niżla (inkluż dak li wassal għall-inċident in kwistjoni) ma tarax għaliex m'għandhiex temmnu. *In oltre* għalkemm dakinhar tad-depożizzjoni ta' Eric Calleja s-soċjetà konvenuta rriżervat li tagħmillu l-kontroeżami, eventwalment <u>għażlet li ma tagħmilulux</u>.

18. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni biex tiskarta d-depożizzjoni ta' dan ix-xhud.

- <u>*In-nuqqas ta' tħarriġ mogħti lill-attur fir-rigward tat-tħaddim tar-romblu:*</u>

19. L-Ewwel Qorti qieset li minkejja li għall-ħabta tal-2009 kienu saru

diversi korsijiet għall-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta dwar l-obbligi ta' min iħaddem u ta' min hu impjegat fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-liġi, ma rriżultax li kien sar taħriġ ulterjuri "*jew saħansitra fuq il-mod li għandu jintuża r-romblu fuq il-lant tax-xogħol*". Qieset ukoll li ma kienx irriżulta li s-soċjetà kienet ipprovdiet lil dawk il-ħaddiema li jaħdmu fuq ir-romblu bi spjegazzjoni jew għadditilhom kopja tal-*handbook* tar-romblu. Hija aċċennat għall-fatt li l-*handbook* innifsu, taħt l-intestatura "*Safety Precautions*" jesiġi li l-lant tax-xogħol għandu jiġi eżaminat għal sorsi ta' periklu, fejn fosthom jissemmew "*slopes*", u fejn f'tali sitwazzjonijiet dak li jkun għandu juża "*extreme caution*"; *in oltre* l-istess *handbook* jenfasizza li "*The tandem roller should only be used by suitably qualified personnel".*

20. Issa, kif targumenta s-soċjetà konvenuta, huwa minnu li l-attur kellu esperjenza kbira fit-tħaddim tar-romblu, fejn anke waqt il-kontroeżami tiegħu kkonferma li kien ilu joperah għal tnax(12)-il sena. Huwa minnu wkoll li d-direttur tagħha Emanuel Bonnici xehed li kienu jinkarigaw konsulenti esterni biex jagħmlu korsijiet lill-impjegati biex kemm jista' jkun is-soċjetà konvenuta tkun konformi mal-obbligi legali tagħha għal dak li jirrigwarda s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati. Huwa minnu wkoll li l-attur stess xehed li fuq il-post tax-xogħol dejjem ikun hemm xi ħadd mis-superjuri tiegħu biex jaraw li kollox huwa miexi sew u li "*fuq kull lant ikun hemm bniedem jara s-safety kollox*".

21. Iżda dan kollu ma jeżimix lis-soċjetà konvenuta mir-responsabbiltà għaliex jibqa' l-fatt li ma jidhirx li kien sar xi taħriġ li wassal biex l-attur ikun ċertifikat bħala persuna "kwalifikata" biex tuża r-romblu "kif xieraq".

22. Din il-Qorti m'għandhiex dubju li bil-fatt li l-attur kien ilu juża r-romblu għal tnax(12)-il sena kellu esperjenza kbira kif iħaddmu. Iżda evidentement ma kienx ikkwalifikat kif xieraq fit-tħaddim tiegħu f'kull ċirkostanza, inkluż f'każijiet fejn hemm il-potenzjal ta' periklu, bħal meta jkun ser jintuża f'niżla inklinata, u bil-prekawzjonijiet addattati li għandhom jittieħdu fir-rigward. Aktarx li r-romblu kemm-il darba ntuża f'niżliet u ma ġara xejn, iżda n-niżla tal-*by-pass* tal-Mellieħa bejn "iż-żigużajg" u d-daħla għal *Popeye Village*, kif jaf kull min xi darba għadda minn hemm, hija inklinata sew. Fil-fatt il-pulizija stess, PS935 Patrick Cassar, fix-xiehda tiegħu ikkummenta li: *"…jekk għandkom idea tal-by-pass hemm telgħa wieqfa ħafna"*. Li kieku l-attur kien kwalifikat kif xieraq fl-operat tar-romblu, f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ in kwistjoni, fejn kien mistenni li jsuq romblu f'niżla tant inklinata, kien ikun jaf li bil-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex jiġi evitat li r-romblu jaħrab bih, u b'hekk hu stess kien ikun f'pożizzjoni li jattira l-attenzjoni tas-superjuri tiegħu fir-rigward.

23. Din għalhekk kienet sitwazzjoni fejn il-prekawzjonijiet neċessarji la ġew provduti mis-soċjetà konvenuta u lanqas setgħu jintalbu mill-attur

stess *stante* li ma kienx imħarreġ dwarhom. Kif xehed Eric Calleja, kien proprju wara tliet episodji fejn ħarbu rombli fin-niżla f'dik l-istess *by-pass* li mbagħad bdew jittieħdu l-prekawzjonijiet addattati, fejn ir-rombli mbagħad bdew jintrabtu ma' gaffa permezz ta' katina kull meta jkunu ser jintużaw f'niżla u dan sabiex jiġu evitati inċidenti oħra b'konsegwenzi serji, bħal ma ġara fil-każ in kwistjoni.

24. Għaldaqstant kellha raġun l-ewwel Qorti ssib li s-soċjetà konvenuta naqset meta ma ħaditx ħsieb li l-attur ikun imħarreġ u kwalifikat kif xieraq sabiex iħaddem ir-romblu, u li tali nuqqas ikkontribwixxa għas-sinistru.

- *Id-depożizzjoni tal-PS935 Patrick Cassar dwar il-fatt li r-romblu ma kellux number plates u insurance, u l-attur ma kienx liċenzjat:*

25. Wara li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-attur ma kienx ingħata taħriġ kif xieraq fir-rigward tat-tħaddim tar-romblu, żiedet tikkummenta hekk:

> *"Mhux hekk biss, iżda PS935 Patrick Cassar xehed ukoll li:*
>
> *'Il-vettura ma kellhiex insurance, ma kellhiex number plates, ma kellha xejn u għalhekk kont ħriġt charges kemm lil Paul Sammut li kien qed isuq il-vettura mingħajr liċenzja kif ukoll kienu ħarġu xi akkużi lil Bonnici Brothers ukoll'".*

26. Is-soċjetà konvenuta ssostni li l-Ewwel Qorti setgħet ġiet *"dirottata"* meta għamlet referenza għal din ix-xiehda; tilmenta li *"jidher illi l-Ewwel Qorti"* abbinat tali fatt mal-allegat nuqqas ta' taħriġ mogħti lill-attur.

Tilmenta li dan hu għal kollox skorrett, u sa ċertu punt irrilevanti, għaliex l-akkużi nħarġu allegatament għaliex ir-romblu kien qiegħed jintuża mingħajr liċenzja u kopertura assikurattiva, li *del resto* huwa wkoll skorrett għaliex ma kienx qiegħed jinstaq fit-triq għal użu pubbliku u għalhekk kellu jitqies bħala *tool of trade* kopert b'polza appożita, u mhux għaliex ir-rikorrent ma kienx liċenzjat biex jagħmel użu minnu.

27. Iżda dan kollu qajla hu ta' rilevanza għaliex din ir-riferenza għax-xiehda tal-pulizija pjuttost saret mill-Ewwel Qorti bħala kumment *en passant*, iktar milli biex tissostanzja dak li rriżultalha dwar in-nuqqas ta' taħriġ lill-attur. Għalhekk ma jidhirx li l-kwistjoni dwar l-akkużi b'xi mod ikkontribwixxiet biex l-Ewwel Qorti sabet lis-soċjetà konvenuta responsabbli għas-sinistru.

- <u>*In-nuqqas ta' tagħmir protettiv:*</u>

28. L-Ewwel Qorti qalet li ma kienx irriżultalha li l-ħaddiema kienu jagħmlu użu ta' tagħmir protettiv u rriteniet li "*dan għal darb' oħra juri nuqqas da parti tas-soċjeta` konvenuta li tgħallem u tħarreġ lill-ħaddiema tagħha kif mistenni sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol.*"

29. Is-soċjetà konvenuta ħassitha ferm aggravata b'dan u ssostni li l-provi proċesswali jagħtu stampa għal kollox kuntrarja.

30. Taċċenna għax-xiehda tal-attur stess fejn qal li fuq il-lant tax-xogħol "ikun hemm bniedem jara s-safety kollox", u mistoqsi x'kienu jagħmlu dawn l-uffiċjali tas-safety wieġeb:

> *"Fejn tkun qed taħdem, jiġi jgħidlek isma' hemm ieqaf, hemm għandek bżonn hekk, hemm għandek bżonn hekk. Għandek bżonn ċertu lbies, ix-xogħol li tkun qed tagħmel hemmhekk jiġifieri jkellmek mill-ewwel."*

31. Taċċenna wkoll għax-xiehda tad-direttur tagħha, Emanuel Bonnici, fejn ikkonferma li:

> *"il-ħaddiema tagħna dejjem ingħataw it-tagħmir protettiv kollu li kellhom bżonn għax-xogħol illi kien qed jagħmlu, bħal per eżempju safety shoes, glasses, helmet, eccetera".*

32. Tirreferi wkoll għall-*Preliminary Occupational Health and Safety Risk Assessment and Method Statement for the Reconstruction and Upgrading of Mellieħa Bypass, Mellieħa* (Dok JB1 a fol 118) fejn f'paġna 11 tar-rapport ingħad li "revised occupational health and safety residual risk assesment after OHS control measures have been implemented" huma deskrittia bħala "low"[2]. Tirreferi wkoll *għall-Occupational Health and Safety Onsite Inspection Report* (Dok JB5 a fol 152) fejn tenfasizza li mhux talli jirriżulta li t-tagħmir ingħata lill-impjegati tagħha, talli f' l-ispezzjonijiet ta' kuljum, l-OHS inspector kien jaċċerta ruħu li kien qiegħed jintuża dan il-"*personal protective equipment*" peress li hemm item apposta fil-formola fir-rigward. Din il-Qorti daret dawn l-imsemmija rapporti fejn fir-rigward tal-"*personal protective equipment*", il-kummenti

---

[22] Fol 123

tal-OHS inspector relattiv, kienu s-segwenti:

| ***Report No:*** | ***Date*** | ***Remarks*** |
|---|---|---|
| *00387* | *15.10.2012* | ***FAIL (x)***<br>*Operatives working near sheer drop not wearing Safety Harness and missing Safety Helmets near lifted objects* |
| *00419* | *27.10.2012* | ***FAIL (x)***<br>*Operatives working under lifted objects not wearing safety helmets with possibility of head injury* |
| *00505* | *15.11.2012*<br>*17.11.2012* | ***PASS (✓)***<br>*Operatives working on site wearing high vest as a mandatory requirement* |
| *00515* | *20.11.2012* | ***FAIL (x)***<br>*Operatives working on site near lifted objects not wearing high vest and hard hats with the possibility of being hit by lifted objects* |
| *00564* | *26.11.2012*<br>*01.12.2012* | ***PASS (✓)***<br>*Operatives working on construction site wearing mandatory personal protective equipment as required according to nature of work* |
| *00594* | *07.12.2012* | ***PASS (✓)***<br>*Operatives working on construction site wearing mandatory personal protective equipment as required according to nature of work* |
| *00632* | *18.12.2012* | ***PASS (✓)***<br>*Operatives working on construction site wearing mandatory personal protective equipment as required according to nature of work* |
| *00657* | *03.01.2013* | ***PASS (✓)***<br>*Operatives working on construction site wearing mandatory personal protective equipment as required according to nature of work* |
| *00687* | *07.01.2013*<br>*09.01.2013* | ***PASS (✓)***<br>*Operatives working on construction site wearing mandatory personal protective equipment as required according to nature of work* |
| *00709* | *15.01.2013* | ***PASS (✓)***<br>*Operatives working on construction site wearing mandatory personal protective equipment as required according to nature of work* |
| *00709* | *23.01.2013*<br>*25.01.2013* | ***PASS (✓)***<br>*Operatives working on construction site wearing mandatory personal protective equipment as required according to nature of work* |

33. Għalkemm qabel l-inċident in kwistjoni (30.11.2012) kien hemm xi

nuqqasijiet għal dak li jirrigwarda "*Protective Personal Equipment*" (u allura sa ċertu punt kellha raġun l-Ewwel Qorti tosserva li kien hemm nuqqas ta' tagħmir protettiv) ma jidhirx li dawn b'xi mod kienu jirrigwardaw l-operaturi tar-rombli. Fil-fatt l-attur appellat ma jidhirx li lmenta fuq nuqqas ta' tagħmir protettiv, saħansitra fix-xiehda tiegħu stess qal li fuq il-post tax-xogħol kien ikun hemm uffiċjali tas-sigurtà li kienu jiġbdu l-attenzjoni ta' dak li jkun jekk ma jkunx liebes it-tagħmir protettiv neċessarju.

34. Madanakollu, kif wieħed jista' jara minn qari tas-sentenza, qabel ma l-Ewwel Qorti kkummentat fuq in-nuqqas ta' tagħmir protettiv, kienet diġà enfasizzat żewġ nuqqasijiet da parti tas-soċjetà konvenuta li rrendewha responsabbli għall-akkadut: cioè n-nuqqas ta' taħriġ mogħti lill-attur dwar l-użu tar-romblu li wassal biex minkejja l-esperjenza tiegħu ma kienx jista' jitqies bħala "*suitably qualified personnel*", u l-fatt li kien wara l-inċident li bdew jittieħdu l-prekawzjonijiet addattati meta r-romblu jintuża f'niżla.

35. Għalhekk anke jekk ma jirriżultax ukoll li fil-mument li l-attur kien qiegħed isuq ir-romblu kien nieqes minn xi tagħmir protettiv addattat, dan ma jxejjinx ir-responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta għall-inċident in kwistjoni li diġà tirriżulta min-nuqqasijiet fuq esposti.

**DECIDE**

36. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta u tikkonferma l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti.

37. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess soċjetà konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss